A.L. 173 ta' l-2001

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw l-Iskeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 146(2) ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, il-Ministru ta' l-Intern, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw l-Iskeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Iskeda annessa ma' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Iskeda".

(2) Dawn ir-regolamenti jibdew iseħħu fl-1 ta' Awissu, 2001.

Jemenda t-Taqsima II ta' l-Iskeda.

2. Fil-paragrafu (i) tal-partita 46 tat-Taqsima II ta' l-Iskeda, minflok il-kliem "mitejn paġna" għandhom jidħlu l-kliem "tlett mitt paġna".